

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > Romania

## Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn  
Rumanija

Rumanija



Din it-taqsimha tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-Reġistru tal-Kummerċ Rumenu, miżmum mill-Ministeru tal-Ġustizzja - l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ.

### L-istorja tat-twaqqif tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali

#### Meta ġie stabbilit?

Ir-Reġistru tal-Kummerċ twaqqaf fl-1990, skont il-Liġi Nru 26/1990 dwar ir-Reġistru tal-Kummerċ.

Skont id-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 129 tal-10 ta' Ottubru 2002 li temenda l-Liġi Nru 26/1990 dwar ir-Reġistru tal-Kummerċ u d-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 76/2001 dwar is-simplifikazzjoni ta' ċerti formalitajiet amministrattivi għar-reġistrazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' operazzjonijiet imwettqa mill-kummerċjanti, [l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ](#) fir-Rumanija huwa korp pubbliku b'personalità ġuridika, taħt l-awtorità tal-Ministeru għall-Ġustizzja. L-Uffiċċju huwa responsabbli għaż-żamma, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tar-reġistru diġitali ċentrali tal-kummerċ.

Hemm għadd ta' uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ taħt l-awtorità tal-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ, f'Bucharest u f'kull waħda mill-41 kontea fir-Rumanija. Dawn huma responsabbli għaż-żamma, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tar-reġistri tal-kummerċ lokali.

#### Meta ġie ddiġitalizzat?

Fit-tieni nofs tal-2011 ġie varat portal apposta li jipprovdi servizzi ġodda online lill-komunità kummerċjali u lil persuni interessati oħrajn.

L-għanijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ:

- li jinforma lill-komunità kummerċjali, il-korpi pubbliċi, il-mezzi tax-xandir u persuni interessati oħrajn dwar l-operazzjonijiet fir-Reġistru tal-Kummerċ;
- li jnaqqas il-ħin meħtieġ għall-aċċess tal-informazzjoni;
- li jnaqqas il-konġestjoni fl-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ;
- li jnaqqas il-ħin meħtieġ biex jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' reġistrazzjoni lir-Reġistru tal-Kummerċ;
- li jissimplifika l-proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' professjonisti, għall-għoti ta' informazzjoni finanzjarja, u għal talbiet għal informazzjoni u dokumenti;
- li jipprovdi lill-applikanti online b'informazzjoni f'ħin reali dwar data fir-Reġistru tal-Kummerċ.

#### X'inhi l-leġiżlazzjoni applikabbli bħalissa?

Il-Liġi Nru 265/2022 dwar ir-Reġistru tal-Kummerċ u li temenda u tissupplimenta atti leġiżlattivi oħra rilevanti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ.

[Il-Liġi Nru 31/1990](#)

Id-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 44/2008.

Il-Liġi Nru 129/2019

Id-Digriet Nru 380/C/2024 tal-Ministru għall-Ġustizzja li tapprova t-tariffa għall-ħruġ ta' informazzjoni u dokumenti mir-Reġistru tal-Kummerċ

## X'informazzjoni joffri r-reġistru kummerċjali?

Min għandu d-dritt li jaċċessa r-reġistru?

L-aċċess għall-informazzjoni ppubblikata fis-sit web tal-ONRC huwa mingħajr ħlas għal kwalunkwe persuna interessata u huwa pprovdut 24 siegħa kuljum. Is-sit web <https://www.onrc.ro/index.php/ro/> jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar:

- il-formoli u d-dokumenti meħtieġa biex jiddaħħlu r-rekords fir-Reġistru tal-Kummerċ u fir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja;
- il-formoli meħtieġa u l-mezzi biex jinħarġu ċ-ċertifikati, kif tinkiseb informazzjoni, il-kopji/il-kopji ċċertifikati, id-duplikati;
- informazzjoni ġenerali għal persuni interessati li jwettqu ċerti attivitajiet irregolati, kif applikabbli (professjonisti, persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet pubbliċi u awtoritajiet, eċċ.);
- il-leġiżlazzjoni applikabbli għar-Reġistru tal-Kummerċ/ir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja;
- informazzjoni ta' interess pubbliku;
- komunikazzjonijiet/stqarrijiet għall-istampa, avvenimenti;
- informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-*data* personali;
- Id-dettalji ta' kuntatt tal-ONRC/ORCT [l-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mat-tribunali] (l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat, l-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefown/tal-faks).

Is-sit web tar-Reġistru tal-Kummerċ jipprovdi dan li ġej:

1. dokumenti;
2. informazzjoni u servizzi organizzati f'taqsimiet u servizzi;
3. informazzjoni relatata mal-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ u l-uffiċċji tar-Reġistri tal-Kummerċ annessi mat-tribunali;
4. diversi punti ta' informazzjoni pubblika - aċċess bla ħlas;
5. formoli użati mill-istituzzjoni;
6. formalitajiet għad-dħul ta' rekords fir-Reġistru tal-Kummerċ għal kull kategorija ta' professjonisti u operazzjonijiet;
7. formalitajiet għad-dħul ta' rekords fir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja miżmum mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ għal persuni ġuridiċi li huma meħtieġa japplikaw biex jiġu elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ;
8. *data* statistika dwar l-operazzjonijiet irreġistrati
  - l-istorja tal-istituzzjoni
  - in-network tal-ORC [l-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ]
  - formoli (għall-professjonisti, eċċ.) u formalitajiet
  - ħlasijiet u tariffi għas-servizzi tal-ONRC
  - servizzi
  - leġiżlazzjoni
  - *data* statistika
  - media

L-aċċess għall-informazzjoni dwar il-portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ huwa mingħajr ħlas, 24 siegħa kuljum, u jingħata wara r-reġistrazzjoni bla ħlas bħala utent (billi jinħoloq identifikatur tal-utent u password).

L-informazzjoni dwar il-portal tal-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ hija organizzata f'servizzi pprovduti mingħajr ħlas jew bi ħlas skont il-liġi fis-seħħ.

Ir-Reġistru tal-Kummerċ jirreġistra d-dokumenti, l-atti u r-referenzi kollha u l-identità tal-professjonisti

kkonċernati, li r-reġistrazzjoni tagħhom hija meħtieġa mil-liġi, u kull att jew dokument ieħor previst espressament mil-liġi.

Is-servizzi online pprovduti mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ huma disponibbli fil-portal [tas-servizzi elettroniċi](#) tiegħu, li ġie żviluppat permezz tal-Programm Operazzjonali Settorjali “Inżidu I-Kompetittività Ekonomika” - “Investimenti għall-futur tiegħek!”, taħt il-proġett “Servizzi online (Gvern elettroniku) ipprovduti mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ lill-komunità kummerċjali permezz ta’ portal iddedikat”.

Is-servizzi online ipprovduti mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ permezz tal-portal tas-servizzi elettroniċi jinkludu dan li ġej:

- Infocert;
- Recom online;
- verifika tad-disponibbiltà tal-isem tal-kumpanija u prenotazzjoni online tal-isem tal-kumpanija;
- kontrolli preliminari (disponibbiltà u/jew prenotazzjoni ta’ isem għal persuni ġuridiċi/fiżiċi, impriżi individwali/negozji tal-familja);
- reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ u l-awtorizzazzjoni ta’ persuni ġuridiċi;
- aġġornament tad-dettalji ta’ kuntatt tal-kumpaniji rreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ;
- forniment ta’ informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-kumpanija fil-passat, *data* statistika;
- ħruġ ta’ dokumenti (ċertifikati);
- l-istatus tal-każ;
- notifika tal-applikazzjonijiet ippreżentati lir-Reġistru tal-Kummerċ;
- ordnijiet biex jiġu posposti l-applikazzjonijiet ippreżentati lir-Reġistru tan-Negozju;
- publikazzjoni ta’ informazzjoni dwar id-diversi sitwazzjonijiet ta’ persuni ġuridiċi fil-Bullettin Elettroniku tar-Reġistru tal-Kummerċ [Buletinul Electronic al Registrului Comerțului - BEREC];
- *data* statistika (operazzjonijiet fir-reġistru ċentrali tal-kummerċ, kumpaniji b’kapital barrani);
- formola offline tar-Reġistru tal-Kummerċ;
- ir-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar is-sid benefiċjarju tal-persuna ġuridika;
- l-għoti ta’ informazzjoni mir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja.

Is-servizz “Recom online”, li huwa komponent ibbażat fuq l-abbonament, ikun aċċessibbli wara li jiġi konkluż kuntratt mas-sid benefiċjarju, 24 siegħa kuljum, u jipprovdni l-informazzjoni li ġejja dwar il-professjonisti, bi fhas:

- l-isem u l-forma tal-organizzazzjoni;
- informazzjoni ta’ identifikazzjoni (in-numru tal-ordni fir-Reġistru tal-Kummerċ, l-Identifikatur Uniku Ewropew, il-Kodiċi ta’ Reġistrazzjoni Uniku, l-uffiċċju rreġistrat/l-indirizz tan-negozju, id-dettalji ta’ kuntatt tal-kumpanija (telefown, faks);
- l-uffiċċju/in-negozju rreġistrat (ċertifikazzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, id-data minn meta l-prova tal-uffiċċju rreġistrat hija valida, id-data tal-iskadenza tal-prova tal-uffiċċju rreġistrat, it-tul ta’ żmien tal-uffiċċju rreġistrat);
- il-kapital imħallas u sottoskritt;
- l-attività ewlenija tal-professjonist iddikjarat/awtorizzat;
- l-attivitajiet sekondarji tal-professjonist iddikjarat/awtorizzat;
- *data* dwar l-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi assoċjati;
- *data* dwar l-identità tad-diretturi;
- *data* dwar il-logos;
- *data* dwar is-sussidjarji/il-fergħat/is-sottodivizjonijiet (l-uffiċċju rreġistrat, it-telefown);
- *data* dwar l-uffiċċji sekondarji/il-postijiet tax-xogħol (l-uffiċċju rreġistrat, it-telefown);
- *data* dwar uffiċċji rreġistrati u/jew attivitajiet awtorizzati skont l-Artikolu 15 tal-Liġi Nru 359/2004/l-Artikolu 121 tal-Liġi Nru 265/2022;
- *data* dwar is-sjieda;
- *data* dwar arranġamenti mal-kredituri;
- *data* dwar fatti koperti mill-Artikolu 21(e) sa (h) tal-Liġi Nru 26/1990/l-Artikolu 103 tal-Liġi Nru 265/2022;
- *data* dwar ir-referenzi l-oħrajn;
- *data* dwar il-karta tal-bilanċi (fatturat, l-għadd medju ta’ impjegati, profitt gross), meta din l-informazzjoni tkun ġiet ipprovduta mill-Ministeru tal-Finanzi.

Is-servizzi disponibbli mingħajr fhas jinkludu:

- Recom online – il-komponent bla ħlas tas-servizz;
- formoli elettroniċi;
- l-applikazzjoni online li għandha tiġi elenkata fir-reġistru kummerċjali tal-professjonisti;
- ir-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji ta' persuni ġuridiċi;
- aċċess online għall-informazzjoni fir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja (għall-awtoritajiet/l-istituzzjonijiet b'setgħat superviżorji/ta' kontroll u għall-entitajiet li jirrapportaw meta japplikaw miżuri ta' Kun Af lill-Klijent Tiegħek);
- verifika tad-disponibbiltà tal-isem tal-kumpanija u prenotazzjoni online tal-isem tal-kumpanija;
- informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ;
- konsultazzjoni tat-taqsima dwar l-ordnijiet biex jiġi pospost it-trattament tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ;
- aċċess għal ċerta informazzjoni pubblika (rapporti finanzjarji, xoljimenti volontarji, eċċ.) permezz tal-Bullettin Elettroniku tar-Reġistru tal-Kummerċ (BERC).

Is-servizzi ewlenin ipprovduti mill-Bullettin Elettroniku tar-Reġistru tal-Kummerċ huma:

- Konsultazzjoni ta' artikli tal-professjonisti ppubblikati
- Konsultazzjoni ta' bullettini fejn jiġu ppubblikati l-artikli tal-professjonisti
- F'ruġ tad-dokument li jiċċertifika l-pubblikazzjoni ta' artiklu (prova tal-pubblikazzjoni)
- Il-wasla tan-notifika dwar l-artikli ppubblikati
- Il-forniment ta' rapporti ta' interess

INFORMAZZJONI IMPORTANTI: It-taqsimiet kollha tas-[sit web](#) u tal-[portal](#) jistgħu jiġu aċċessati mingħajr ħlas, 24 siegħa kuljum.

Aċċess għall-informazzjoni rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ

*L-informazzjoni rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ tiġi pprovduta u l-kopji tad-dokumenti relatati jinħarġu f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Liġi Nru 265/2022 dwar ir-Reġistru tal-Kummerċ u li temenda u tissupplimenta atti leġiżlattivi oħra rilevanti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ:*

1. Ir-Reġistru tal-Kummerċ huwa disponibbli għall-pubbliku. L-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ joħroġ, fuq talba u bl-ispejjeż tal-parti interessata, bir-Rumen, f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, informazzjoni u ċertifikati dwar l-entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ kif ukoll ċertifikati li jikkonfermaw jekk ġiex irreġistrat dokument jew att partikolari jew le, kopji u/jew kopji ċċertifikati tad-dokumenti kollha rreġistrati jew sottomessi, jew ta' kwalunkwe parti minnhom, fil-formola sottomessa b'appoġġ għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni.
2. It-talba għal informazzjoni u dokumenti għandha jew tiġi ppreżentata lill-front desk, jew tintbagħat bil-posta jew b'servizzi ta' kurrier jew b'mezzi elettroniċi, flimkien ma' kopja tad-dokument tal-identità, ħlief meta t-talba tiġi ffirmata bl-użu tal-firma elettronika kwalifikata.
3. L-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ joħroġ id-dokumenti msemija fil-punt 1 jew b'mezzi elettroniċi, jiġifieri f'forma elettronika, iffirmata bl-użu tal-firma elettronika kwalifikata jew tat-timbru elettroniku kwalifikat, fejn applikabbli, jew f'forma stampata, fl-uffiċċju rreġistrat tal-ONRC jew fl-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ, jew bil-posta jew b'servizzi ta' kurrier.
4. Il-kopji jiġu ċċertifikati kif xieraq. Il-kopji elettroniċi jiġu ċċertifikati billi tiżdied il-firma elettronika. Kopji mhux formalment iċċertifikati jistgħu jinħarġu wkoll fuq talba.
5. Il-kopji f'forma elettronika tad-dokumenti u l-informazzjoni msemija fil-punt 1 għandhom ikunu wkoll disponibbli pubblikament permezz tas-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri tal-kummerċ.
6. Id-dokumenti riċevuti, jiġifieri dawk mibgħuta b'mezzi elettroniċi, għandhom jiġu ttrattati wkoll permezz ta' interkonnessioni mal-Punt ta' Kuntatt Uniku elettroniku, minn hawn 'il quddiem il-“PSC”, skont l-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 49/2009 dwar il-libertà tal-istabbiliment tal-fornituri tas-servizzi u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-Rumanija, approvat kif emendat u ssupplimentat bil-Liġi Nru 68/2010, kif emendata sussegwentement.
7. Għandu jintalab ħlas skont sistema ta' klassifikazzjoni għall-informazzjoni u d-dokumenti maħruġa, kif stabbilit permezz ta' ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja, li ma jistax jaqbeż l-ispejjeż amministrattivi meħtieġa għall-ħruġ tal-informazzjoni jew tad-dokumenti kkonċernati u li jinkludi l-ispejjeż għall-iżvilupp u għaż-żamma tar-Reġistru Kummerċjali.
8. L-informazzjoni u d-dokumenti msemija fil-punt 1 għandhom jinħarġu mingħajr ħlas lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-istituzzjonijiet u lill-missjonijiet diplomatiċi akkreditati fir-Rumanija.

9. L-informazzjoni msemmija fil-punt 1 għandha tinħareġ mingħajr ħlas lil persuni ġuridiċi għajr dawk elenkati fil-punt 8 jekk ikun espressament previst mil-liġi.
10. L-ONRC u l-uffiċċji tar-reġistru kummerċjali għandhom joħorġu informazzjoni speċifika rreġistrata fir-reġistru kummerċjali, li tista' tintuża biss għal skopijiet ta' informazzjoni pubblika, lill-ġurnalisti u lir-rappreżentanti tal-media tal-massa, mingħajr ħlas.

### X'informazzjoni fih ir-reġistru?

Liema tipi ta' *data* huma maħżuna (entitajiet imdaħħla fir-reġistru pubbliku, informazzjoni dwar l-insolvenza, rapporti finanzjarji...)?

Skont il-Liġi Nru 265/2022, ir-Reġistru tal-Kummerċ fih informazzjoni relatata mal-professionisti rreġistrati, kif ġej:

- kumpaniji;
- kumpaniji nazzjonali;
- impriżi nazzjonali;
- korporazzjonijiet pubbliċi;
- kumpaniji kooperattivi;
- organizzazzjonijiet kooperattivi;
- gruppi b'interess ekonomiku;
- gruppi Ewropej b'interess ekonomiku;
- kumpaniji Ewropej;
- kumpaniji kooperattivi Ewropej;
- kummerċjanti waħdiena;
- impriżi individwali;
- negozji tal-familja, u
- persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn previsti mil-liġi.

Matul l-attività tagħhom jew fi tmiem l-attività tagħhom, il-professionisti msemmija fl-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 265/2022 għandhom jitolbu li r-referenzi relatati mad-dokumenti u l-atti suġġetti għar-reġistrazzjoni statutorja jiddaħħlu fir-reġistru.

Id-dokumenti u l-atti li jridu jiġu rreġistrati fir-reġistru kummerċjali huma elenkati fl-Artikoli 88 sa 100 tal-Liġi Nru 265/2022.

Il-persuni ġuridiċi elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ jew, fejn applikabbli, il-persuni interessati jridu jissottomettu d-dokumenti li ġejjin lill-ORCT bħala entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ:

1. il-prospett tal-ħruġ ta' ekwità bil-ħsieb li tiġi stabbilita l-kumpanija b'ishma konġunti permezz ta' sottoskrizzjoni pubblika u li tiġi awtorizzata l-pubblikazzjoni tiegħu mir-Reġistratur tal-kumpaniji, kif ukoll kwalunkwe emenda għalih;
2. il-prospett tal-ekwità bil-ħsieb li jiġdied il-kapital azzjonarju ta' kumpaniji b'ishma konġunti permezz ta' sottoskrizzjoni pubblika u li l-pubblikazzjoni tiegħu tiġi awtorizzata mir-reġistratur tal-kumpaniji, kif ukoll kwalunkwe emenda għalih;
3. id-deċiżjoni tal-korp maniġerjali, meta d-dħul ta' tali informazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ u l-pubblikazzjoni jkunu obbligatori skont il-liġi;
4. prova tal-estensjoni tal-limitu ta' żmien għaż-żamma legali tal-bini tal-uffiċċju rreġistrat u/jew sekondarju;
5. dikjarazzjonijiet finali ta' likwidazzjoni u ta' distribuzzjoni tal-assi u, fejn applikabbli, rapport dwar ix-xogħol ta' ġestjoni magħmul mill-amministraturi u mill-membri tal-bord, jekk waħda jew aktar minn dawn il-persuni jkunu maħtura bħala likwidaturi;
6. id-dokumenti relatati mal-operazzjonijiet tan-negozju;
7. ir-reġistri u d-dokumenti tal-persuna ġuridika mneħħija mir-reġistru, meta ma jkunx hemm aktar kumpaniji assoċjati/azzjonisti/membri jew meta jirrifjutaw li jżommuhom;
8. id-deċiżjoni tal-laqqgħa ġenerali tal-kumpaniji assoċjati/azzjonisti dwar l-akkwist mill-kumpanija ta' assi minn fundatur jew azzjonist, meta tali entrata tkun obbligatori skont il-liġi dwar il-kumpaniji;
9. l-ilment ippreżentat kontra l-ordni tar-reġistratur;
10. l-oppożizzjoni ppreżentata kontra l-laqqgħa ġenerali tal-kumpaniji assoċjati/azzjonisti u l-oppożizzjoni ppreżentata kontra atti oħra previsti b'mod espliċitu mil-liġi;

11. l-abbozz ta' fużjoni jew diviżjoni;
12. il-mudell tal-firma, għall-gruppi ta' interess ekonomiku, ir-Raggruppamenti Ewropej b'Interess Ekonomiku u l-kumpaniji kooperattivi;
13. l-applikazzjoni għat-tneħħija mir-reġistru ppreżentata mill-persuna li tqis lilha nnifisha leża, billi jkollha entrati miżjuda mar-Reġistru tal-Kummerċ;
14. kwalunkwe dokument ieħor previst mil-liġi li għandu jiddaħħal b'mod obligatorju fir-Reġistru tal-Kummerċ.

Il-persuni interessati li jissottomettu entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ fir-rigward ta' dokumenti li l-pubblikazzjoni tagħhom ma hijiex obligatorja skont il-liġi għandhom jimlew, għal dawn il-finijiet, l-applikazzjoni tat-tip, u jehmżu magħha d-dokumenti kkonċernati u kif ikun xieraq, il-prova tal-ħlas tat-tariffa applikabbli.

Dawn li ġejjin għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ:

1. ir-rapport tal-amministratur tal-insolvenza jew, fejn applikabbli, tal-likwidatur, li jiddikjara l-kawżi u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-insolvenza tad-debitur;
2. in-notifika tal-bidu tal-proċedura ġenerali/simplifikata ta' insolvenza;
3. il-kopja tal-pjan ta' riorganizzazzjoni propost;
4. in-notifika dwar il-bidu ta' proċedimenti ta' falliment skont il-proċedura ġenerali/simplifikata ta' insolvenza;
5. is-sentenza finali tal-qorti li żżomm lill-amministratur statutorju responsabbli li jħallas kumpens;
6. il-minuti li jivverifikaw il-ftehim ta' ristrutturar – skont il-proċedura tal-ftehim ta' ristrutturar;
7. il-pjan ta' ristrutturar – skont il-proċedura għal arranġament mal-kredituri;
8. id-deċiżjonijiet tal-qorti dwar il-bidu u l-għeluq ta' proċedura għal arranġament mal-kredituri skont il-Liġi Nru 85/2014, kif emendata;
9. sentenzi tal-qorti mogħtija skont il-proċedura ta' insolvenza, li jiġu kkomunikati lill-ORCT skont il-liġi;
10. dokumenti oħra maħruġa mill-qorti jew mill-amministratur tal-insolvenza jew mil-likwidatur skont il-liġi.

L-entrati li ġejjin għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ, abbażi tad-dokumenti msemmija hawn fuq, fir-rigward tal-professionisti rreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ, li huma suġġetti għall-proċedura ta' prevenzjoni tal-insolvenza jew ta' insolvenza:

1. il-bidu tal-proċedura (ġenerali/simplifikata) ta' insolvenza;
2. il-bidu tar-riorganizzazzjoni taħt is-superviżjoni tal-qorti wara l-konferma tal-pjan ta' riorganizzazzjoni propost;
3. falliment (skont proċedura simplifikata/ġenerali);
4. il-fatt li d-debitur ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu li jmexxi n-negozju;
5. il-fatt li l-amministratur statutorju jkun inżamm responsabbli biex iħallas kumpens;
6. id-deżinjazzjoni tal-amministratur tal-insolvenza jew tal-likwidatur, meta jkun applikabbli;
7. il-ħatra tal-amministratur speċjali;
8. is-sostituzzjoni tal-amministratur tal-insolvenza jew tal-likwidatur, meta jkun applikabbli;
9. l-għeluq tal-proċedimenti dwar ir-riorganizzazzjoni taħt is-superviżjoni tal-qorti;
10. l-għeluq tal-falliment;
11. it-tneħħija tad-debitur mir-registru;
12. l-emenda tal-istrumenti ta' inkorporazzjoni tad-debitur bħala persuna ġuridika, fuq talba tal-amministratur tal-insolvenza, skont is-sentenza finali tal-qorti li taċċerta l-pjan ta' riorganizzazzjoni;
13. il-konferma tal-ftehim ta' ristrutturar skont il-proċedura tal-ftehim ta' ristrutturar;
14. id-dikjarazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar skont il-proċedura għal arranġament mal-kredituri;
15. il-bidu u l-għeluq ta' proċedura għal arranġament mal-kredituri;
16. referenzi oħra meħtieġa mil-liġi, għad-debituri elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ, li l-proċedura ta' insolvenza tapplika għalihom.

Ir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja

Skont il-Liġi Nru 129/2019 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda u tissupplimenta ċerti atti leġislattivi, kif sussegwentement emendati u ssupplimentati, l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ irid iżomm ir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja, li jelenka s-sidien benefiċjarji ta' persuni ġuridiċi li jridu japplikaw biex jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ.

L-aċċess għar-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja jingħata, skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali:

1. lill-awtoritajiet b' setgħat superviżorji u ta' kontroll, lill-korpi ġudizzjarji, skont il-Liġi Nru 135/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, kif emendata u s-supplimentata, u lill-Uffiċċju, fil-ħin, mingħajr ebda restrizzjoni u mingħajr ma tiġi avżata l-persuna kkonċernata;
2. lill-entitajiet li jirrapportaw meta japplikaw miżuri ta' Kun Af lill-Klijent Tiegħek;
3. lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika (bi ħlas).

Liemna dokumenti qed jiġu arkivjati/maħżuna (fajls, kotba ta' dokumenti, statuti, minuti tal-laqqgħat ġenerali ...)?

Ir-reġistrazzjoni ta' persuni ġuridiċi, kummerċjanti waħdiena, impriżi individwali u negozji tal-familja li jwettqu attivitajiet ekonomiċi u li jkollhom l-uffiċċju/in-negozju rreġistrat li jinsab fil-ġurisdizzjoni tat-tribunal tinvolvi li r-Reġistru tal-Kummerċ iżomm rekords tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-persuni li jkunu qed jiġu rreġistrati u tal-arkivju uffiċjali tal-inkorporazzjoni jew tad-dokumenti ta' emenda relatati u ta' dokumenti oħra previsti b' mod espliċitu mil-liġi.

L-arkivjar ta' dokumenti li jissostanzjaw l-entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ jikkonsisti fiż-żamma u l-preservazzjoni, fuq karta u/jew f'format elettroniku, ta' dawn id-dokumenti kollha, kif ukoll tad-dokumenti li jagħtu prova tal-entrati magħmula minn persuni rreġistrati, ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapport u, meta jkun applikabbli, ir-rapport konsolidat tal-bord maniġerjali u tal-bord tad-diretturi, rispettivament, ir-rapport tal-awditur jew ir-rapport tal-awditur finanzjarju, meta jkun applikabbli, ir-rapporti finanzjarji annwali kkonsolidati u r-reġistri tal-persuni ġuridiċi, li jiġu ppreżentati lir-Reġistru tal-Kummerċ.

Il-fajl ta' kull professjonist elenkat fir-Reġistru tal-Kummerċ jinkludi d-dokumenti kollha ppreżentati b'rabta mar-reġistrazzjoni jew ma' kwalunkwe operazzjoni li hija elenkata fir-Reġistru tal-Kummerċ skont il-liġi u d-dokumenti li jagħtu prova tar-reġistrazzjoni. Id-dokumenti elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ bil-għan li jitwettqu ċerti proċeduri ta' qabel ir-reġistrazzjoni meħtieġa mil-liġi jinżammu f'folder separat. Wara r-reġistrazzjoni, dawn ikunu mehmuża fil-folder tal-professjonist rilevanti.

Id-dokumenti tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ huma arkivjati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nazzjonali dwar l-Arkivjar Nru 16/1996, kif ippubblikata mill-ġdid.

Kif nista' nagħmel tfittxija (u x'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli)?

Fuq is-sit web tar-reġistru

Il-persuna interessata tista' tfittex informazzjoni fuq is-sit web tal-ONRC billi tittajpja kelma ewlenija fil-kaxxa tat-tiftix.

X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?

Wieheď jista' jfittex l-informazzjoni disponibbli mingħajr ħlas permezz tas-servizz [Recom online](#) billi juża l-kriterji li ġejjin:

- isem il-professjonist;
- in-numru tar-Reġistru tal-Kummerċ;
- in-numru ta' referenza tat-taxxa;
- il-kontea fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat/in-negozju.

L-informazzjoni ġenerali għall-persuni interessati, disponibbli bla ħlas mis-servizz [Recom online](#) tinkludi:

1. il-kumpanija u l-forma ġuridika;
2. l-uffiċċju/in-negozju rreġistrat u, għall-fergħat, l-Istat Membru fejn ikunu rreġistrati;
3. in-numru ta' referenza fir-Reġistru tal-Kummerċ, l-EUID u n-numru ta' referenza tat-taxxa;
4. l-istatus;
5. is-sit web, jekk ikun hemm;
6. ir-rappreżentanti legali tal-persuna ġuridika u jekk għandhomx is-setgħa li jaġixxu flimkien jew separatament, u r-rappreżentant tan-negozju tal-familja;
7. il-fergħat miftuħa fi Stat Membru ieħor, inkluż il-kumpanija, in-numru tar-reġistrazzjoni, l-EUID u l-Istat

Membru fejn il-fergħa hija rreġistrata.

Kif nista' nikseb id-dokumenti?

Mingħajr ħlas?

L-informazzjoni u d-dokumenti li jikkonċernaw il-professjonisti elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ għandhom jinħarġu lill-awtoritajiet u lill-istituzzjonijiet pubbliċi mingħajr ħlas, bl-eċċezzjoni ta' dawk kompletament iffinanzjati minn dħul proprju, lill-qrati u lill-uffiċċji tal-prosekutur annessi magħhom, u lil missjonijiet diplomatiċi akkreditati u lil persuni ġuridiċi oħra skont il-liġi.

L-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ u l-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mat-tribunali joħroġu informazzjoni speċifika rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ, mingħajr ħlas, lill-ġurnalisti u lir-rappreżentanti tal-media tal-massa. L-informazzjoni rilaxxata lill-ġurnalisti u lir-rappreżentanti tal-media tal-massa tista' tintuża biss biex tinforma l-opinjoni pubblika.

Bi ħlas?

L-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ għandu joħroġ, bl-ispejjeż tal-persuna li tressaq it-talba, informazzjoni, ċertifikati li jirrigwardaw l-entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ u ċertifikati li jikkonfermaw jekk dokument jew att partikolari ġiex irreġistrat jew le, kopji u kopji ċċertifikati tal-entrati fir-reġistru u ta' rekords mid-dokumenti ppreżentati, bi ħlas. Id-dokumenti kkonċernati jistgħu jintalbu u jinħarġu wkoll bil-posta.

Kif nista' nikseb informazzjoni, ċertifikati dwar l-entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ, ċertifikati li jikkonfermaw jekk dokument jew att partikolari ġiex irreġistrat jew le, u kopji u/jew kopji ċċertifikati tad-dokumenti kollha rreġistrati jew sottomessi?

Mezzi għall-aċċess tal-informazzjoni:

- online, billi wieħed jaċċessa s-[servizz InfoCert](#) (ma hijiex meħtieġa firma elettronika; il-ħlas isir biss bil-kard).
- online, permezz tal-portal ONRC, [hawnhekk](#) (hija meħtieġa firma elettronika; il-ħlas isir permezz ta' kard jew ordni ta' flus)
- posta elettronika: [onrc@onrc.ro](mailto:onrc@onrc.ro) (ħlas permezz ta' money order jew għand il-kaxxier)
- Nru tal-faks +40 213160829 (ħlas permezz ta' money order jew għand il-kaxxier)
- bil-posta (ħlas permezz ta' money order; tiġi imposta it-tariffa addizzjonali ta' RON 7.68)
- għand il-kaxxier tal-ONRC u l-[uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mat-tribunali](#).

Is-servizz *InfoCert* jippermetti l-ħruġ ta' ċertifikati online. Is-servizz jista' jiġi aċċessat permezz tal-[portal tal-ONRC](#), fit-taqsimha tal-Informazzjoni (*Informații*) - *Ċertifikati (Certificate constatatoare)*, u l-ħlas isir online bil-Visa jew bil-Mastercard. Is-servizz elettroniku *InfoCert* jiġbor awtomatikament dokumenti b'firma elettronika, mingħajr l-azzjoni tal-kontrollur, 24 siegħa kuljum, il-ġimgħa kollha, u l-ħlas isir b'mod elettroniku bil-kard, u wara dan min jagħmel it-talba jirċievi fattura elettronika u ma jkun jeħtieġ l-ebda firma elettronika għal dan il-għan.

Iċ-ċertifikazzjonijiet u/jew l-informazzjoni mir-Reġistru tal-Kummerċ jistgħu jinkisbu online permezz tas-servizz online Recom, li huwa l-komponent ibbażat fuq l-abbonament, aċċessibbli 24 siegħa kuljum wara l-konklużjoni ta' kuntratt mal-benefiċjarju.

Kif tikseb kopja ċċertifikata/kopji ċċertifikati ta' dokument mill-arkivju:

- għand il-kaxxier - [l-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mal-qrati](#)
- bil-posta;
- online (firma elettronika meħtieġa).

Mezzi biex jinkisbu duplikati taċ-ċertifikati li juru s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet fuq l-unur għall-awtorizzazzjoni tan-negozju

- għand il-kaxxier - [l-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mal-qrati](#)
- bil-posta.

## Il-proċedura ta' reġistrazzjoni

Kif nista' nibda l-proċedura ta' reġistrazzjoni (kif nippreżenta applikazzjonijiet lir-reġistru, kif niċċertifika d-dokumenti, it-tip ta' dokumenti li jridu jkunu mehmuża)?

### Personalment

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew xi tip ieħor ta' applikazzjoni, fejn applikabbli, akkumpanjata mid-dokumenti meħtieġa għar-reġistrazzjoni, għandhom jiġu sottomessi lill-front desk jew ikkonsenjati bil-posta/bil-kurrier lill-Uffiċċju tar-Reġistru Kummerċjali b'għurizdizzjoni territorjali fuq l-uffiċċju/il-post tan-negozju rreġistrat tal-persuni kkonċernati/lil kwalunkwe uffiċċju tar-reġistru kummerċjali mill-persuni elenkati fl-Artikoli 79 sa 81 tal-Liġi Nru 265/2022, personalment jew minn aġent.

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' persuna ġuridika fir-Reġistru tal-Kummerċ tiġi ffirmata mir-rappreżentant legali ta' dik il-persuna jew mill-aġent tagħha, taħt prokura speċjali jew ġenerali awtentika, jew minn avukat, bi prokura, jew minn soċju, azzjonist jew membru tal-bord.

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' fergħa ta' persuna ġuridika, li tinsab ir-Rumanija jew barra mill-pajjiż, tiġi ffirmata mir-rappreżentant tal-persuna ġuridika kkonċernata, li tmexxi direttament in-negozju tal-fergħa, personalment jew mill-aġent tagħha, bi prokura speċjali jew ġenerali awtentika, jew minn avukat, bi prokura.

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' kummerċjant waħdieni u impriża individwali tiġi ffirmata mill-persuna fiżika li tapplika għar-reġistrazzjoni bħala kummerċjant waħdieni u mid-detentur tal-impriża individwali rispettivament, personalment jew mill-aġent tagħha, bi prokura speċjali/ġenerali awtentika, jew minn avukat, bi prokura.

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' negozju tal-familja tiġi ffirmata mir-rappreżentant maħtur skont id-dokument ta' inkorporazzjoni jew mill-aġent tiegħu, bi prokura speċjali/ġenerali awtentika, jew mill-avukat, bi prokura.

Id-dokumenti ppreżentati b'appoġġ għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għandhom jinkitbu bir-Rumen.

L-applikanti jew il-persuni elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ jistgħu jappoġġaw l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni b'dokumenti miktuba f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE jew taż-Żona Ekonomika Ewropea li fihom huma residenti; dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjonijiet bir-Rumen magħmula minn traduttur awtorizzat.

Id-dokumenti tradotti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE jistgħu jiġu ppubblikati, fuq talba, fejn ikunu ġew ippreżentati fil-forma ta' traduzzjoni awtorizzata.

Id-dokumenti tradotti f'lingwa barranija jridu jkunu mqassma jew f'żewġ kolonni, bit-test Rumien fl-ewwel kolonna u t-test bil-lingwa barranija fit-tieni kolonna, jew f'sekwenza, jiġifieri t-test bir-Rumen segwit mit-test bil-lingwa barranija.

F'każ ta' inkonsistenza bejn id-dokumenti u l-informazzjoni ppubblikati bir-Rumen u t-traduzzjoni ppubblikata b'mod volontarju, din tal-aħħar ma tkunx eżegwibbli fir-rigward ta' partijiet terzi; partijiet terzi jistgħu madankollu joqogħdu fuq it-traduzzjonijiet divulgati volontarjament, sakemm il-kumpanija ma turix li l-partijiet terzi kienu jafu bil-verżjoni li kienet suġġetta għall-iżvelar obligatorju.

Id-dokumenti meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, li huma kklassifikati bħala atti uffiċjali, għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ skont il-liġi.

### Online

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u d-dokumenti meħtieġa mil-liġi jistgħu jintbagħtu b'mod elettroniku, jiġifieri permezz tal-[portal tas-servizz elettroniku](#) jew permezz tal-[posta elettronika](#), b'firma elettronika kwalifikata inkluża, mehmuża jew marbuta.

## Kif jiġu rrieżaminati l-applikazzjonijiet sottomessi?

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ tiġi deċiża mir-reġistratur, abbażi tad-dokumenti, fi żmien jum tax-xogħol mir-reġistrazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn relatati, jew il-forma standard tad-dokument ta' inkorporazzjoni, skont il-każ, ma jkunux kompluti jew ma jissodisfawx ir-rekwiżiti legali dwar l-istabbiliment, l-inkorporazzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-professionisti li jridu jirreġistraw jew jekk ir-reġistratur iqis li huma meħtieġa aktar informazzjoni jew dokumenti sabiex jipproċessa l-applikazzjoni, huwa joħroġ ordni biex jistabbilixxi terminu ta' mhux aktar minn 15-il jum kalendarju li fih id-dokumenti jridu jiġu kkoreġuti jew finalizzati.

It-terminu u r-raġunijiet għall-posponiment jiġu ppubblikati fil-portal tas-servizz elettroniku tal-ONRC u jistgħu jiġu kkonsultati wkoll fl-istazzjonijiet tax-xogħol stabbiliti fil-bini tal-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ.

It-terminu għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u dak għall-ħruġ tad-dokumenti meħtieġa bil-liġi jiġu riveduti kif xieraq.

Jekk l-applikant jikkoreġi/jiffinalizza l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni qabel ma jiskadi t-terminu stabbilit mir-reġistratur u jitlob reviżjoni tat-terminu għall-ipproċessar, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiġi pproċessata fil-jum wara dak tal-korrezzjoni/finalizzazzjoni.

Jekk l-applikant jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu, kif stabbilit fl-ordni għall-posponiment, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiġi miċħuda.

Jekk l-applikant jirrinunzja għar-riżoluzzjoni tal-applikazzjoni mressqa lill-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mat-tribunali u jekk l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jiġu miċħuda, it-tariffa għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija għandha tiġi rritornata jekk tkun tħallset.

Fuq talba tal-parti kkonċernata jew tar-rappreżentant tagħha, tiġi organizzata seduta pubblika sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

## L-effetti legali tar-reġistrazzjoni

### L-effett tal-entrati fuq terzi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2017/1132

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' hawn taħt jiddikjaraw li partijiet terzi jistgħu joqogħdu fuq l-informazzjoni u d-dokumenti fir-Reġistru tal-Kummerċ, f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji:

1. Skont l-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 265/2022, ir-Reġistru Kummerċjali huwa s-servizz ta' interess pubbliku ġenerali għar-reġistrazzjoni u għad-divulgazzjoni ta' professionisti li jkunu kummerċjanti waħdiena, ta' impriżi individwali u ta' negozji tal-familja, u ta' professionisti li jkunu kumpaniji, kumpaniji Ewropej, kumpaniji korporattivi, kumpaniji kooperattivi Ewropej, organizzazzjonijiet ta' kreditu kooperattivi, raggruppamenti b'interess ekonomiku u raggruppamenti Ewropej b'interess ekonomiku li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat fir-Rumanija, kif ukoll għar-reġistrazzjoni u għad-divulgazzjoni tal-fergħat tagħhom u tal-fergħat tal-persuni ġuridiċi elenkati hawn fuq, li l-uffiċċju rreġistrat tagħhom jinsab barra l-pajjiż.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 43(1) tal-Liġi Nru 265/2022, matul l-attività tagħhom jew fi tmiemha, il-professionisti msemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom jitolbu li r-referenzi relatati mad-dokumenti u l-atti suġġetti għar-reġistrazzjoni statutorja jiddaħħlu fir-reġistru.

L-informazzjoni rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ tiġi pprovduta u l-kopji tad-dokumenti relatati jinħarġu f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Liġi Nru 265/2022 dwar ir-Reġistru tal-Kummerċ u li temenda u tissupplimenta atti leġiżlattivi oħra rilevanti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ:

1. Ir-Reġistru tal-Kummerċ huwa disponibbli għall-pubbliku. L-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ joħroġ, fuq talba u bl-ispejjeż tal-parti interessata, bir-Rumen, f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, informazzjoni u ċertifikati dwar l-entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ kif ukoll ċertifikati li

jikkonfermaw jekk ġiex irreġistrat dokument jew att partikolari jew le, kopji u/jew kopji ċċertifikati tad-dokumenti kollha rreġistrati jew sottomessi, jew ta' kwalunkwe parti minnhom, fil-formola sottomessa b'appoġġ għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni.

2. It-talba għal informazzjoni u dokumenti għandha jew tiġi ppreżentata lill-front desk, jew tintbagħat bil-posta jew b'servizzi ta' kurrier jew b'mezzi elettroniċi, flimkien ma' kopja tad-dokument tal-identità, flief meta t-talba tiġi ffirmata bl-użu tal-firma elettronika kwalifikata.
3. L-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ joħroġ id-dokumenti msemmija fil-punt 1 jew b'mezzi elettroniċi, jiġifieri f'forma elettronika, iffirmata bl-użu tal-firma elettronika kwalifikata jew tat-timbru elektroniku kwalifikat, fejn applikabbli, jew f'forma stampata, fl-uffiċċju rreġistrat tal-ONRC jew fl-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ, jew bil-posta jew b'servizzi ta' kurrier.
4. Il-kopji jiġu ċċertifikati kif xieraq. Il-kopji elettroniċi jiġu ċċertifikati billi tizzied il-firma elettronika. Kopji mhux formalment iċċertifikati jistgħu jinħarġu wkoll fuq talba.
5. Il-kopji f'forma elettronika tad-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu wkoll disponibbli pubblikament permezz tas-sistema ta' interkonnnessjoni tar-reġistri tal-kummerċ.
6. Id-dokumenti riċevuti, jiġifieri dawk mibgħuta b'mezzi elettroniċi, għandhom jiġu ttrattati wkoll permezz ta' interkonnnessjoni mal-Punt ta' Kuntatt Uniku elektroniku, minn hawn 'il quddiem il-"PSC", skont l-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 49/2009 dwar il-libertà tal-istabbiliment tal-fornituri tas-servizzi u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-Rumanija, approvat kif emendat u ssupplimentat bil-Liġi Nru 68/2010, kif emendata sussegwentement.
7. Għandu jintalab fl-as skont sistema ta' klassifikazzjoni għall-informazzjoni u d-dokumenti maħruġa, kif stabbilit permezz ta' ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja, li ma jstax jaqbeż l-ispejjeż amministrattivi meħtieġa għall-ħruġ tal-informazzjoni jew tad-dokumenti kkonċernati u li jinkludi l-ispejjeż għall-iżvilupp u għaż-żamma tar-Reġistru Kummerċjali.
8. L-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fil-punt 1 għandhom jinħarġu mingħajr fl-as lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-istituzzjonijiet u lill-missjonijiet diplomatiċi akkreditati fir-Rumanija.
9. L-informazzjoni msemmija fil-punt 1 għandha tinħareġ mingħajr fl-as lil persuni ġuridiċi għajr dawk elenkati fil-punt 8 jekk ikun espressament previst mil-liġi.
10. L-ONRC u l-uffiċċji tar-reġistru kummerċjali għandhom joħroġu informazzjoni speċifika rreġistrata fir-reġistru kummerċjali, li tista' tintuża biss għal skopijiet ta' informazzjoni pubblika, lill-ġurnalisti u lir-rappreżentanti tal-media tal-massa, mingħajr fl-as.

*L-eżegwibilità tad-dokumenti u l-atti ta' persuni suġġetti għall-obbligu li jiddaħħlu fir-Reġistru tal-Kummerċ hija prevista fl-Artikolu 46 tal-Liġi Nru 265/2022 dwar ir-Reġistru tal-Kummerċ u li temenda u tissupplimenta atti leġiżlattivi oħra rilevanti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ:*

1. Ir-reġistrazzjoni u r-referenzi jistgħu jiġu eżegwiti kontra partijiet terzi minn dak inhar li jiddaħħlu fir-Reġistru tal-Kummerċ, jew jiġu ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, jew fil-Bullettin Elettroniku tar-Reġistru tal-Kummerċ, kif previst mil-liġi.
2. Persuni suġġetti għall-obbligu li jitolbu li tiddaħħal reġistrazzjoni ma jistgħux jippretendu l-eżegwibilità kontra partijiet terzi ta' dokumenti jew atti mhux irreġistrati, sakemm ma jkunux jistgħu jippruvaw li dawk il-partijiet terzi kienu jafu b'dawk id-dokumenti u atti. Madankollu, il-partijiet terzi dejjem jistgħu jinwokaw dokumenti jew atti li ma jkunux ġew iddivulgati, sakemm il-fatt li ma ġew iddivulgati ma jikkanċellax l-effett tagħhom.
3. *L-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu u fil-portal tas-servizzi elettroniċi u jippreżenta għall-pubblikazzjoni fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika informazzjoni aġġornata dwar il-liġi nazzjonali fir-rigward tal-pubblikazzjoni u l-eżegwibilità kontra terzi ta' dokumenti, atti u referenzi ta' persuni meħtieġa li jirreġistraw fir-reġistru kummerċjali."*

Barra minn hekk, il-kumpaniji huma suġġetti għal dawn id-dispożizzjonijiet speċjali li ġejjin f'dan ir-rigward, jiġifieri l-Artikoli 50 sa 51 tal-Liġi Nru 31/1990 dwar il-Kumpaniji, ippubblikata mill-ġdid kif sussegwentement emendata u ssupplimentata:

#### Artikolu 50

1. Dokumenti jew atti li ma jkunux ġew ippubblikati kif stipulat mil-liġi ma jistgħux jiġu eżegwiti kontra terzi, sakemm il-kumpanija ma tippreżentax provi li dawk it-terzi kienu jafu bihom.
2. L-operazzjonijiet imwettqa mill-kumpanija qabel is-16-il jum mid-data tad-divulgazzjoni meħtieġa mil-liġi ma jistgħux jiġu eżegwiti kontra partijiet terzi li juru li kien impossibbli għalihom li jkunu jafu b'tali operazzjonijiet.

## Artikolu 51

1. Il-partijiet terzi dejjem jistgħu jinvokaw dokumenti jew atti li ma jkunux ġew iddivulgati, sakemm il-fatt li ma ġewx iddivulgati ma jikkanċellax l-effett tagħhom.

Skont l-Artikolu 7(1) tal-Liġi Nru 265/2022, ir-Reġistru tal-Kummerċ huwa mfassal biex jinkludi l-kategoriji tar-reġistru li ġejjin:

1. reġistru għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji, kumpaniji nazzjonali, intrapriżi nazzjonali, korporazzjonijiet pubbliċi, gruppi ta' interess ekonomiku, kumpaniji Ewropej, gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku, u persuni ġuridiċi oħra espressament previsti mil-liġi, li l-uffiċċju reġistrat tagħhom jinsab fir-Rumanija, u tal-fergħat tagħhom u, fejn applikabbli, il-fergħat ta' persuni ġuridiċi li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom barra mill-pajjiż;
  2. reġistru għar-reġistrazzjoni ta' kumpaniji kooperattivi u kumpaniji kooperattivi Ewropej li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fir-Rumanija, il-fergħat tagħhom u, fejn applikabbli, il-fergħat ta' kumpaniji kooperattivi jew kumpaniji kooperattivi Ewropej li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom barra mill-pajjiż;
  3. reġistru għar-reġistrazzjoni ta' kummerċjanti waħdiena; impriżi individwali u negozji tal-familja li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom u, fejn applikabbli, siti ta' xogħol fir-Rumanija.
2. Skont l-Artikolu 5(1) tal-Liġi Nru 265/2022, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ hija bbażata fuq l-ordni tar-reġistratur għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jew, fejn applikabbli, fuq deċiżjoni finali tal-qorti jew fuq deċiżjoni eżegwibbli, kif previst mil-liġi. Meta r-reġistrazzjoni tiġi ordnata minn qorti, din tista' ssir ukoll abbażi tad-dokument proċedurali li jkun fih il-parti operattiva tad-deċiżjoni tal-qorti.
  3. Skont l-Artikolu 107(2) tal-Liġi Nru 265/2022, id-data tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ għandha tkun id-data effettiva tad-dħul fir-Reġistru.
  4. Skont l-Artikolu 107(3) tal-Liġi Nru 265/2022, ir-reġistrazzjonijiet fir-Reġistru tal-Kummerċ għandhom jiddaħħlu fi żmien 24 siegħa mid-data tal-ordni maħruġa mir-reġistratur.
  5. Skont l-Artikolu 6(1) tal-Liġi Nru 265/2022, ir-Reġistru tal-Kummerċ jinżamm mill-ONRC f'forma kompjuterizzata u r-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ u f'reġistri oħra miżmuma mill-ONRC issir b'mod elettroniku.

## Diskrepanzi bejn l-entrati fir-reġistru u l-pubblikazzjoni tagħhom

Ir-reġistrazzjoni u r-referenzi jistgħu jiġu eżegwiti kontra partijiet terzi minn dakinhar li jiddaħħlu fir-Reġistru tal-Kummerċ, jew jiġu ppublikati fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, jew fil-Bullettin Elettroniku tar-Reġistru tal-Kummerċ, kif previst mil-liġi.

L-operazzjonijiet imwettqa minn persuna fiżika jew ġuridika qabel is-16-il jum mid-data tar-reġistrazzjoni tagħhom fir-Reġistru tal-Kummerċ ma jistgħux jiġu eżegwiti kontra partijiet terzi li juru li kien impossibbli għalihom li jkunu jafu b'tali operazzjonijiet.

Persuni suġġetti għall-obbligu li jitolbu li tiddaħħal reġistrazzjoni ma jistgħux jippretendu l-eżegwibilità kontra partijiet terzi ta' dokumenti jew atti mhux irreġistrati, sakemm ma jkunux jistgħu jippruvaw li dawk il-partijiet terzi kienu jafu b'dawk id-dokumenti u atti. Madankollu, il-partijiet terzi dejjem jistgħu jinvokaw dokumenti jew atti li ma jkunux ġew iddivulgati, sakemm il-fatt li ma ġewx iddivulgati ma jikkanċellax l-effett tagħhom.

Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16(1) tal-Liġi Nru 265/2022 jintbagħtu elettronikament mill-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ lill-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija għall-pubblikazzjoni fi żmien mhux aktar minn 3 ijiem tax-xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-kummerċ.

F'każ ta' inkonsistenza bejn l-entrati fir-Reġistru tal-Kummerċ u dawk fid-dokumenti mehmuża fil-fajl tal-professionist elenkat fir-Reġistru tal-Kummerċ, kif previst fl-Artikolu 8 tal-Liġi Nru 265/2022, l-entrati fir-reġistru jipprevalu fil-konfront ta' terzi.

Fir-rigward tad-dokumenti u l-informazzjoni ppublikati fil-Bullettin jew, meta jkun applikabbli, fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, jekk ikun hemm xi inkonsistenza bejniethom u d-dokumenti rreġistrati fir-reġistru, dawn tal-aħħar jipprevalu fil-konfront ta' terzi.

Jekk l-inkonsistenza msemmija hawn fuq isseħħ għal raġunijiet li ma jkunux attribwibbli għall-professionist

ikkonċernat, l-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ jew, fejn applikabbli, il-Korporazzjoni Pubblika "Monitorul Oficial" tikkoreġi l-entrata fir-reġistru, b'mod aktar speċifiku, din tippubblika mill-ġdid it-test rettifikat, fil-forma ta' estratt, bi spejjeż tagħha stess, fuq talba tal-professionist.

### Min hu responsabbli għall-akkuratezza tar-rekords?

Id-dokumenti u l-atti meħtieġa mil-liġi jiġu elenkati fir-Reġistru tal-Kummerċ, meta jkun applikabbli, fuq talba ta' persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi suġġetti għall-obbligu ta' reġistrazzjoni, ta' kwalunkwe parti interessata oħra jew fuq inizjattiva proprja.

Matul l-attività tagħhom jew fi tmiemha, il-professionisti msemmija fl-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 265/2022 għandhom jitolbu li r-referenzi relatati ma' dokumenti u atti suġġetti għal reġistrazzjoni statutorja jiddaħħlu fir-reġistru fi żmien mhux aktar minn 15-il jum mid-data meta jkunu tfasslu d-dokumenti jew meta l-atti suġġetti għall-obbligu ta' reġistrazzjoni jkunu twettqu.

L-entrati jiddaħħlu fir-reġistru wkoll fuq talba ta' partijiet interessati, fil-każijiet previsti mil-liġi, sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data meta jkunu saru jafu bid-dokument jew bl-att suġġett għar-reġistrazzjoni.

L-applikanti u, fejn applikabbli, ir-rappreżentanti legali/l-aġenti tagħhom jinżamm responsabbli, skont il-liġi, għal legalità, l-awtentiċità u l-akkuratezza tad-data fl-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u fid-dokumenti ta' sostenn għalihom.

*Skont l-Artikolu 5(1) tal-Liġi Nru 265/2022, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ hija bbażata fuq l-ordni tar-reġistratur għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jew, fejn applikabbli, fuq deċiżjoni finali tal-qorti jew fuq deċiżjoni eżegwibbli, kif previst mil-liġi. Meta r-reġistrazzjoni tiġi ordnata minn qorti, din tista' ssir ukoll abbażi tad-dokument proċedurali li jkun fih il-parti operattiva tad-deċiżjoni tal-qorti.*

Skont l-Artikolu 107 tal-Liġi Nru 265/2022, jekk ikunu ġew issodisfati r-rekwiżiti legali għall-istabbiliment, l-inkorporazzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' professjonisti li huma obbligati jirreġistraw, ir-reġistratur joħroġ ordni għall-ammissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fi żmien jum ta' xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dik l-applikazzjoni mal-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ jew, fejn applikabbli, mid-data meta jkunu saru l-formalitajiet kollha u jkunu waslu d-dokumenti u l-informazzjoni kollha, kif ordnat mir-reġistratur, għall-inkorporazzjoni u għar-reġistrazzjoni.

Id-data tar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kummerċ hija d-data effettiva tad-dħul f'dak ir-reġistru.

Ir-reġistrazzjonijiet fir-Reġistru tal-Kummerċ għandhom jiddaħħlu fi żmien 24 siegħa mid-data tal-ordni maħruġa mir-reġistratur.

Il-persuni ġuridiċi jiksbu personalità ġuridika fid-data tad-dħul effettiv fir-Reġistru tal-Kummerċ.

L-ordni tar-reġistratur hija eżegwibbli, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, u hija suġġetta biss għal proċedura ta' lment. L-ilment ma jissospendix l-eżekuzzjoni. Il-proċedimenti li permezz tagħhom tittieħed deċiżjoni biex jiddaħħlu rekords fir-Reġistru tal-Kummerċ jitwettqu mill-persunal tal-ORCT.

## Proċeduri għall-protezzjoni tad-data

Il-proċeduri relatati mad-drittijiet tas-suġġett tad-data rigward il-pubblikazzjoni u l-ħżin tad-data personali tiegħu

Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, kif previst fl-atti leġislattivi li jirregolaw l-attività tar-reġistru tal-kummerċ, l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ u l-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ annessi mat-tribunali/mal-uffiċċji territorjali jiġbru u jipproċessaw data u informazzjoni, inkluża data personali, li huma koperti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

Bħala kontrollur tad-data personali, l-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ stabbilixxa miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati bl-għan li jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet legali kollha dwar il-protezzjoni u l-

ipproċessar tad-*data* personali.

Id-*data* personali ta' persuna fiżika tinġabar għal skopijiet definiti, espliċiti u leġittimi u ma tiġix sussegwentement ipproċessata b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawn l-għanijiet (il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop).

Id-*data* personali pprovduta mill-applikanti meta jimlew/jippreżentaw l-applikazzjonijiet u meta jissottomettu l-atti/id-dokumenti ta' appoġġ tiġi pproċessata bl-għan li jitwettqu l-obbligi/il-kompiti/il-funzjonijiet speċifiċi ewlenin tar-Reġistru tal-Kummerċ.

L-informazzjoni rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ diġitali ċentrali/fis-sistema ta' informazzjoni integrata tinħażen għal perjodu mhux limitat. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni (formoli) fir-Reġistru tal-Kummerċ, li jiġu ppreżentati għall-fini tar-reġistrazzjoni tal-professionist, tad-dħul ta' rekords fir-reġistru dwar id-dokumenti u l-atti tal-professionisti, kif ukoll id-dokumenti ppreżentati b'appoġġ għalihom jiġu arkivjati fil-fajl (stampat u elettroniku) tal-professionist.

Il-pubblikazzjoni ta' dokumenti maħruġa bħala riżultat tad-dħul ta' reġistrazzjonijiet fir-reġistru tal-kummerċ/imħejjija mill-persunal tal-helpdesk tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u tali *data* hija limitata għall-kunjom u l-isem, id-*data* u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità u l-pajjiż ta' residenza tal-persuni kkonċernati, sakemm il-liġi ma tipprevedix mod ieħor.

L-informazzjoni dwar id-*data* personali li tista' tiġi ppubblikata, b'referenza għall-persuni fiżiċi li jaġixxu f'ċerta kapaċità/li jkollhom pożizzjoni ma' professionist imdañħal fir-Reġistru tal-Kummerċ, hija din li ġejja: il-kunjom u l-isem, id-*data* u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità u l-pajjiż ta' residenza, flief fejn l-applikant ikun entità li jkollha aċċess għad-*data* personali skont il-liġi.

Il-kopji jew il-kopji ċċertifikati tad-dokumenti mehmuża fil-folder tal-professionist irreġistrat fir-Reġistru tal-Kummerċ, li jinħarġu lill-applikanti, għandhom jinkludu biss: il-kunjom u l-isem, id-*data* u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità u l-pajjiż ta' residenza tal-persuni elenkati f'dawk id-dokumenti, flief fejn l-applikant ikun entità li jkollha aċċess għad-*data* personali skont il-liġi.

L-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet u mal-istituzzjonijiet pubbliċi, skont il-protokoll ta' kooperazzjoni konklużi bl-għan li jikkonformaw ma' obbligu statutorju espliċitu, irid ikun konsistenti mar-regoli legali dwar il-protezzjoni tal-persuni fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.

Il-lista ta' awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi li magħhom l-ONRC jikkonkludi protokoll ta' kooperazzjoni tinsab fuq is-sit web tal-ONRC.

Ir-reġistrazzjonijiet ta' qabel u ċċertifikati maħruġa mill-ONRC u mill-uffiċċji tar-Reġistru tal-Kummerċ, kif ukoll il-kopji jew il-kopji ċċertifikati tad-dokumenti sottomessi b'appoġġ għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għandhom jinkludu d-*data* personali kollha rreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ, meta tali *data* tiġi trażmessa fuq talba tas-suġġetti tad-*data* jew tal-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet kompetenti, skont obbligu statutorju, għall-finijiet ta' konformità ma' obbligu statutorju jew fl-eżerċizzju tad-dmirijiet, iżda d-*data* li ġejja biss għandha tintbagħat lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, inklużi istituzzjonijiet pubbliċi oħra, skont l-Artikolu 11(1) tal-Liġi Nru 265/2022: il-kunjom u l-isem, id-*data* u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità u l-pajjiż ta' residenza.

L-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ jiżgura li s-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 679/2016: id-dritt tal-informazzjoni u l-aċċess għal *data* personali u r-rettifika jew it-tħassir tagħha, id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar, id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, id-dritt għal oġġezzjoni, id-dritt li ma tkunx suġġett għal deċiżjoni bbażata biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, id-dritt li tressaq ilment mal-Awtorità Nazzjonali ta' Sorveljanza tal-Ipproċessar tad-*Data* Personali (Bdul G-ral Gheorghe Magheru nru 28-30, sector 1, Bucharest).

Id-drittijiet imsemmija hawn fuq, suġġetti għar-rekwiżiti u l-eċċezzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 679/2016, jistgħu jiġu eżerċitati billi tintbagħat talba bil-miktub, debitament datata u ffirmata, bil-posta, fl-indirizz li ġej: Bucharest, Bd. Unirii, nr. 74, bl. J3b, tronson II+III, sector 3, kodiċi postali: 030837 jew bil-posta elettronika fuq: [datepersonale@onrc.ro](mailto:datepersonale@onrc.ro).

Skont l-Artikolu 37 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, inħatar uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*

personali fi ħdan l-istituzzjoni, li d-dettalji ta' kuntatt tiegħu huma ppubblikati fuq is-sit web taħt [Data personali](#).

## Dettalji ta' kuntatt

Id-dettalji ta' kuntatt jinsabu [hawnhekk](#).

## Links relatati

[Is-Sit Web Uffiċjali tar-Reġistru tal-Kummerċ Rumen](#)

[Portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tal-Kummerċ Rumen](#)

---

■ L-aħħar aġġornament: 04/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.